



2024/3010

4.12.2024

DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3010

tad-29 ta' Novembru 2024

li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2002/55/KE u 2002/57/KE, u d-Direttiva tal-Kummissjoni 93/61/KEE fir-rigward tal-elenkar tal-pesti tal-pjanti fuq iż-żrieragħ u materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 45 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żriġħ ⁽³⁾, barra ż-żerriegħa, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ⁽⁴⁾ jistabbilixxi lista ta' pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni ("RNQPs", Regulated Non-quarantine Pests). Jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni, jew għall-moviment fih, ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' dawk il-pesti fit-territorju tal-Unjoni.
- (2) Għal raġunijiet ta' konsistenza, dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jiġu allinjati mar-rekwiżiti rispettivi stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ u ta' materjal ieħor tal-propagazzjoni u tat-tħawwil.
- (3) Abbażi ta' metodoloġija żviluppata mill-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti (EPPO, European and Mediterranean Plant Protection Organization) ⁽⁵⁾, il-virus tar-ringspot tat-tabakk ġie elenkat fil-Parti H tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 bħala RNQP fir-rigward taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra tal-*Glycine max* (L.) Merr., b'limitu ta' tolleranza ta' 0 %.
- (4) Id-Direttiva 2002/57/KE tistabbilixxi skema ta' ċertifikazzjoni uniformi għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra fl-Unjoni, inkluż ir-rekwiżiti, fost l-oħrajn, dwar il-preżenza massima tal-RNQPs f'dawk iż-żrieragħ. Għalhekk, u sabiex ikun hemm allinjament mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, hemm bżonn li dik id-Direttiva tiġi emendata billi jiżdiedu r-rekwiżiti dwar il-virus tar-ringspot tat-tabakk għall-*Glycine max* (L.) Merr. (fażola tas-sojja). Jenħtieġ li dik l-emenda tistabbilixxi limitu ta' tolleranza ta' 0 % għal dak il-pest fil-kategoriji kollha taż-żrieragħ ta' dik l-ispeċi, biex tiġi żgurata l-konsistenza mad-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
- (5) Il-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV, Tomato brown rugose fruit virus) infirex ħafna fit-territorju tal-Unjoni f'dawn l-aħħar snin. Barra minn hekk, l-analiżi aġġornata dwar ir-riskju tal-pesti li saret mill-EPPO f'Ġunju 2024 ⁽⁶⁾, innotat li s-sitwazzjoni rigward dak il-pest evolviet u wasslet għal żieda fid-distribuzzjoni tiegħu madwar id-dinja.

⁽¹⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/55/oj>.

⁽²⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/57/oj>.

⁽³⁾ ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28; ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/72/oj>.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).

⁽⁵⁾ A methodology for preparing a list of recommended regulated non-quarantine pests (RNQPs). EPPO Bulletin (2017) 47(3), p. 551. <https://doi.org/10.1111/epp.12420>.

⁽⁶⁾ EPPO (2024) Pest risk analysis for tomato brown rugose fruit virus. EPPO, Pariġi. Disponibbli fuq <https://gd.eppo.int/taxon/TOBRFV/documents>.

- (6) Peress li t-ToBRFV jissodisfa r-rekwiżiti biex jikkwalifika bħala RNQP, dan ġie elenkat fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, permezz tal-emenda tiegħu bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2970 ⁽⁷⁾.
- (7) It-ToBRFV ġie elenkat fil-Partijiet E u H tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 bħala RNQP b'rabta mal-pjanti għat-tħawwil ta' *Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tagħhom, u l-pjanti għat-tħawwil ta' *Capsicum annuum* L., għajr il-varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għat-ToBRFV, b'limitu ta' tolleranza ta' 0 % għall-preżenza tiegħu fuq dawk il-pjanti. Dak il-pest ġie soġġett ukoll għall-miżuri stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-introduzzjoni ta' dawk il-pjanti għat-tħawwil u l-moviment tagħhom fl-Unjoni.
- (8) Id-Direttiva 2002/55/KE tistabbilixxi rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa tal-ħxejjex fl-Unjoni, inkluż, fost l-oħrajn, dwar il-preżenza ta' RQNP fuq dawk iż-żrieragħ. Għalhekk, u sabiex ikun hemm allinjament mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, hemm bżonn li dik id-Direttiva tiġi emendata billi jiġu stabbiliti rekwiżiti dwar il-preżenza tat-ToBRFV fuq iż-żrieragħ tal-*Capsicum annuum* L. (bżar), għajr iż-żrieragħ li jappartjenu għal varjetà magħrufa li hija reżistenti għat-ToBRFV, u dwar il-preżenza ta' dak il-pest fuq iż-żrieragħ tas-*Solanum lycopersicum* L. (tadam) u l-ibridi tiegħu. Dik l-emenda jenħtieġ li tistabbilixxi limitu ta' tolleranza ta' 0 % għall-preżenza ta' dak il-pest fiż-żrieragħ ta' dawn l-ispeċijiet, biex tiġi żgurata l-konsistenza mad-dispożizzjonijiet rispettivi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.
- (9) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/61/KEE ⁽⁸⁾ tistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi u l-istandards tal-kwalità li jrid jissodisfa l-materjal tal-propagazzjoni u tat-tħawwil tal-ħxejjex, minbarra ż-żrieragħ, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/33/KEE ⁽⁹⁾, inkluż ir-rekwiżiti dwar il-preżenza ta' RQNP fuq dak il-materjal ta' ċerti speċijiet. Sabiex ikun hemm allinjament mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, hemm bżonn li dik id-Direttiva tiġi emendata billi jiġu stabbiliti rekwiżiti dwar il-preżenza tat-ToBRFV fuq il-materjal tal-propagazzjoni u tat-tħawwil tal-ħxejjex, għajr iż-żerriegħa, tal-*Capsicum annuum* L. (bżar), u għajr il-materjal li jappartjeni għal varjetà magħrufa li hija reżistenti għat-ToBRFV. Għall-istess raġuni, hemm bżonn li dik id-Direttiva tiġi emendata billi jiġu stabbiliti rekwiżiti dwar il-preżenza ta' dak il-pest fuq il-materjal tal-propagazzjoni u tat-tħawwil tal-ħxejjex, għajr iż-żerriegħa, tas-*Solanum lycopersicum* L. (tadam) u l-ibridi tagħha. Dawk l-emendi jenħtieġ li jistabbilixxu limitu ta' tolleranza ta' 0 % għat-ToBRFV fuq il-materjal tal-propagazzjoni u tat-tħawwil għajr iż-żrieragħ ta' dawk l-ispeċijiet, biex tiġi żgurata l-konsistenza mad-dispożizzjonijiet rispettivi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.
- (10) Din id-Direttiva jenħtieġ li tibda tapplika mill-1 ta' Ġunju 2025 biex tagħti aktar żmien lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi professjonisti jadattaw għad-dispożizzjonijiet tagħha.
- (11) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emenda tad-Direttiva 2002/55/KE

L-Anness II tad-Direttiva 2002/55/KE huwa emendat kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness ta' din id-Direttiva.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2970 tad-29 ta' Novembru 2024 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-preżenza tal-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam fuq il-pjanti għat-tħawwil tas-*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu u tal-*Capsicum annuum* L., u li jistabbilixxi r-rati ta' frekwenza tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L, 2024/2970, 2.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2970/oj).

⁽⁸⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/61/KEE tat-2 ta' Lulju 1993 li tistabbilixxi l-pjani li jindikaw il-kundizzjonijiet li jridu jiġu mħarsa mill-materjal propagattiv u mill-materjal għat-tħawwil tal-ħaxix, barra miż-żerriegħa skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/33/KEE (ĠU L 250, 7.10.1993, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1993/61/oj>).

⁽⁹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/33/KEE tat-28 ta' April 1992 dwar il-marketing ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żriġ, barra ż-żerriegħa (ĠU L 157, 10.6.1992, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/33/oj>).

*Artikolu 2***Emenda tad-Direttiva 2002/57/KE**

L-Anness II tad-Direttiva 2002/57/KE huwa emendat kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 3***Emenda tad-Direttiva 93/61/KEE**

L-Anness tad-Direttiva 93/61/KEE huwa emendat kif stabbilit fil-punt 3 tal-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 4***Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2025. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun hemm fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5***Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 6***Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

1. Fl-Anness II, fil-punt 3(b) tad-Direttiva 2002/55/KE, tiżdied ir-ringiela li ġeġja mat-tabella taħt it-titolu “Viruses, virojdi, mard li jixbah il-viruses u fitoplażmi”:

“Virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam [ToBRFV]	<i>Capsicum annuum</i> L. għajr iż-żrieragħ li jappartjenu għal varjetà magħrufa li hija reżistenti għat-ToBRFV. <i>Solanum lycopersicum</i> L. u l-ibridi tagħha.	0 %
---	---	-----

2. Fl-Anness II, il-punt (5) tat-Taqsima I tad-Direttiva 2002/57/KE, tiżdied it-tabella li ġeġja:

“Viruses, virojdi, mard li jixbah il-viruses u fitoplażmi

RNQP's jew sintomi kkawżati mill-RNQP's	Pjanti għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa prebażika	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa bażika	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa ċċertifikata
“Virus tar-ringspot tat-tabakk [TRSV00]	<i>Glycine max</i> (L.) Merr.	0 %	0 %	0 %

3. Fl-Anness tad-Direttiva 93/61/KEE, tiddaħħal ir-ringiela li ġeġja bejn it-tielet u r-raba' ringiela tat-tabella ta' “Viruses, virojdi, mard li jixbah il-viruses u fitoplażmi”:

“Virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV)	<i>Capsicum annuum</i> L. għajr il-materjal li jappartjeni għal varjetà magħrufa li hija reżistenti għat-ToBRFV. <i>Solanum lycopersicum</i> L. u l-ibridi tagħha.	0 %
---	---	-----